**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 29 ta' Novembru, 2016**

**Rikors Nru: 634/2016 AF**

**Kai Christian Erich Bordel**

**vs**

**Anika de Vilera**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Anika de Vilera li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih imfissra talbet lil din il-Qorti biex a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 382 u 849 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, previa okkorendo s-smiegh tal-partijiet ghall-fini ta' dak mahsub fl-imsemmi Artikolu 382 tal-Kapitolu 12, thassar dan il-mandat ghal kollox jew ghal dak il-parti tal-eccess affett mill-imsemmi mandat illi dina l-Onorabbli Qorti tqis huma mehtiega ghar-rikorrenti sabiex tmantni lilha nnifisha.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Kai Christian Erich Bordel.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti, permezz tal-procedura odjerna, qeghda titlob lil din il-Qorti thassar jew tbiddel mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfront taghha minn Kai Christian Bordel sabiex jikkawtela kreditu li hu ghandu fil-konfront taghha u li jilhaq is-somma ta' €80,067.

Ir-rikorrenti l-ewwel nett ssejjes it-talba taghha fuq l-Art. 382 li testwalment jipprovdi illi:

> *"Fil-każ ta' salarju, paga, benefiċċju, pensjoni jew allowance imsemmija fl-artikoli 381(1)(a) u (b), ħlief għal kull benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, meta dawk jeċċedu sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (698.81) fix-xahar jew dik is-somma li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' minn żmien għal żmien b'ordni jistabbilixxi, il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru jkun jgħodd fuq dik il-parti li teċċedi l-ammont imsemmi qabel:*
>
> *Iżda jekk id-debitur jagħmel rikors li fih juri għas-sodisfazzjon tal-qorti li huwa jkollu bżonn dak l-eċċess jew parti minnu għall-manteniment tiegħu jew għall-manteniment tal-familja tiegħu, il-qorti għandha tħassar il-mandat ta' sekwestru dwar dak l-eċċess jew dik il-parti minnu, u wara hekk l-imsemmi mandat għandu jitqies li jkun u li kien mingħajr effett safejn ikun ġie revokat:*
>
> *Iżda wkoll dan l-artikolu ma jgħoddx għas-salarju ta' uffiċjal jew raġel fil-forza regolari ta' Malta."*

A bazi ta' dan l-artikolu tal-ligi ir-rikorrenti ssostni li hija impjegata u taqla' salarju ta' €2226.81 fix-xahar. Minn dan hija trid thallas €1600 kera fix-xahar. Is-socjetà li timpjegaha, minhabba s-sekwestru, qeghda tghaddilha biss is-somma ta' €698.91. Hija ssostni li dan l-ammont m'huwiex bizzejjed ghaliha biex tghix.

Fil-fehma tal-Qorti, din ir-raguni ma tiggustifikax it-thassir tal-mandat *de quo*. Il-fatt li hija taghzel li tghix f'dar li tesigi hlas ta' kera gholi sproporzjonat ghas-salarju li tippercepixxi kienet ghazla taghha li din il-Qorti kienet tqis irresponsabbli ukoll kieku ma kelliex dejn ta' eluf ta' ewro, wisq aktar fic-cirkostanzi taghha. L-ghazliet stravaganti taghha m'ghandhomx jippregudikaw lill-kreditur taghha. Il-Qorti tinnota wkoll illi hija ma tichadx id-debitu taghha lejn is-sekwestrant. Hija ma gabet lil din il-Qorti ebda raguni valida li twassalha biex takkorda lir-rikorrenti xi trattament privileggat.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' Anika de Vilera, bl-ispejjez kontra taghha.

IMHALLEF